MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 35/2003/1

**Joseph Rizzo**

***Versus***

**Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali**

F’din il-kawża r-rikorrent qiegħed ifittex rimedju għax igħid illi saret diskriminazzjoni kontra tiegħu bi ksur ta’ l-art. 45(2) u (3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”].

Ir-rikors tas-17 ta’ Diċembru 2003, li bih inbdew dawn il-proċeduri, igħid illi r-rikorrent kien daħal fil-Korp tal-Pulizija bħala kuntistabbli fl-1962, laħaq surġent fl-1966, spettur fl-1975 u sovrintendent fl-1983;  baqa’ f’dan l-aħħar grad sa ma temm is-servizz tiegħu fl-2000.

B'deċiżjoni mogħtija fis-16 ta' Marzu 1999 it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji kien qal illi bejn Settembru ta' l-1988 u Frar ta' l-1990 ir-rikorrent kien b'diskriminazzjoni mċaħħad mill-promozzjoni għall-grad ta' assistent kummissarju, għalkemm kien kwalifikat għal dak il-grad, meta uffiċjali oħrajn fil-korp qabżuh inġustament u għal raġunijiet li ma jiswewx fil-liġi, u nħatru assisstenti kummissarji. Fid-deċiżjoni tiegħu t-tribunal irrakkomanda illi r-rikorrent jingħata rimedju billi jinħatar assistent kummissarju b'seħħ b'lura fiż-żmien u jitħallas salarju li jmiss għal dak il-grad, jew, jekk ma jingħatax is-salarju, jingħata kumpens ta' ħamest elef lira (Lm5,000) – ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin euroċenteżmu (€11,646.87).

Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim'Ministru mexxew bil-qorti biex iwaqqgħu d-deċiżjoni tat-tribunal, għax qalu illi ma kienx fis-setgħa tagħhom li jagħtu r-rimedju rakkomandat mit-tribunal illi r-rikorrent jingħata promozzjoni għal assistent kummissarju. B'sentenza tas-27 ta' Frar 2003, iżda, il-Qorti ta' l-Appell qalet illi t-tribunal kien mexa sew.

Sakemm kienu għaddejjin dawn il-proċeduri r-rikorrent temm is-servizz tiegħu fil-korp u issa ma jistax aktar jinħatar assistent kummissarju. Għalhekk, igħid ir-rikorrent, b'dak kollu li għamlu l-intimati kisru l-art. 45(2) u (3) tal-Kostituzzjoni u l-art. 14 tal-Konvenzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrent qiegħed jitlob illi din il-qorti:

1. tgħid illi l-intimati mxew bi ksur ta' l-art. 45(2) u (3) tal-Kostituzzjoni u l-art. 14 tal-Konvenzjoni meta r-rikorrent inqabeż fil-promozzjonijiet għall-grad ta' assistent kummissarju bejn Settembru ta' l-1988 u Frar ta' l-1990;
2. tgħid illi bl-għemil tagħhom l-intimati għamlu illi ma jistax aktar jinkiseb ir-rimedju mogħti mit-tribunal; u
3. tikkundanna lir-rikorrenti jħallsu d-danni li effettivament ġarrab ir-rikorrent.

L-intimati wieġbu fl-14 ta' Mejju 2004.

Fost l-eċċezzjonijiet imressqa fit-tweġiba ta' l-intimati hemm dik illi l-Avukat Ġenerali ma huwiex kontradittur leġittimu f'dawn il-proċeduri. Billi din l-eċċezzjoni tolqot il-leġittimazzjoni passiva ta' wieħed mill-intimati, jeħtieġ li nqisu din l-eċċezzjoni qabel ma nidħlu fil-meritu.

L-Avukat Ġenerali jgħid illi ma huwiex kontradittur leġittimu għax ir-rikorrent qatt ma kien impjegat miegħu, hu qatt ma ta jew irrifjuta li jagħti promozzjoni lir-rikorrent jew lil xi uffiċjal ieħor tal-pulizija, u ma kienx parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji msemmija fir-rikors.
Din l-eċċezzjoni hija tajba u għandha tintlaqa'.
Dwar min għandu jidher għall-Gvern ta' Malta f'kawżi magħmula kontra tiegħu, l-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

**181B.** (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:

… … …

(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.

Billi din il-kawża tolqot episodju ta' l-impjieg tar-rikorrent fil-korp tal-pulizija, huwa l-Kummissarju tal-Pulizija li jidher għall-gvern fil-kawża tallum, u ma hemmx ħtieġa li jkun imħarrek ukoll l-Avukat Ġenerali, li jidher għall-gvern f'dawk il-każijiet residwali biss li jissemmew fl-art. 181B(2); l-Avukat Ġenerali kellu biss jiġi notifikat, u mhux ukoll imħarrek, għall-għanijiet ta' l-art. 181B(3).
Il-qorti għalhekk teħles lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.
Billi ukoll eċċezzjoni oħra mressqa mill-intimati tgħid illi l-azzjoni, safejn hija mibnija fuq l-art. 14 tal-Konvenzjoni, saret ħażin, għax l-art. 14 "ma għandux eżistenza awtonoma u jrid bilfors ikun allaċċjat [*sic*] ma' dritt ieħor"[1], ir-rikorrent, b'rikors magħmul fis-27 t'Ottubru 2005[2], talab illi kull fejn fir-rikors tas-17 ta' Diċembru 2003 (dak li bih inbdiet il-kawża) hemm talba biex il-qorti tgħid illi kien hemm ksur ta' l-art. 14 tal-Konvenzjoni, tiżdied talba biex il-qorti tgħid illi kien hemm ksur ukoll ta' l-art. 3 ta' l-istess konvenzjoni, dwar ħarsien kontra trattament degradanti. L-intimati wieġbu għal dan ir-rikors fit-8 ta' Novembru

---

1 Ir-raba' eċċezzjoni, *fol*. 51.
2 *Fol*. 84.

2005[3], u l-qorti, b'dikriet mogħti fil-5 ta' Diċembru 2005[4], ċaħdet it-talba.

Ngħaddu issa biex naraw x'kienu l-fatti tal-kawża. Il-fatti seħħew hekk:

Ir-rikorrent kien sovrintendent tal-pulizija meta, bejn Settembru ta' l-1988 u Frar ta' l-1990, ingħataw promozzjonijiet għall-grad ogħla ta' assistent kummissarju. Fost dawk l-uffiċjali tal-pulizija li ngħataw din il-promozzjoni kien hemm uħud li, qabel ma ngħataw il-promozzjoni, kienu anqas anzjani fis-servizz milli kien ir-rikorrent. Billi għalhekk deherlu illi kienet saret inġustizzja u diskriminazzjoni kontra tiegħu talli nqabeż meta ngħataw il-promozzjonijiet, ir-rikorrent fetaħ proċeduri kontra l-Kummissarju tal-Pulizija quddiem it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji ["it-Tribunal"].

Fid-deċiżjoni tiegħu mogħtija fis-16 ta' Marzu 1999, it-Tribunal sab illi l-ilment tar-rikorrent kien ġustifikat, u għamel din ir-rakkomandazzjoni:

li jingħata rimedju konpensattiv billi r-rikorrent jiġi promoss għal assistent kummissarju b'effett retroattiv u li jitħallas is-salarju lilu dovut konfaċjenti [*sic*] għal dak ir-rank. Jekk ma jingħatax is-salarju dovut għandu jingħata ħlas ta' kumpens ta' ħamest elef lira".

Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim'Ministru fetħu proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex ifittxu li jwaqqgħu d-deċiżjoni tat-Tribunal. B'sentenza mogħtija fis-16 ta' Marzu 1999 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Prim'Ministru, u din is-sentenza kienet imwettqa (ħlief għal xi konsiderazzjonijiet li ma humiex relevanti għall-għanijiet tal-kawża tallum) mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar 2003. Relevanti għall-għanijiet tal-kawża tallum hija l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell dwar ir-rimedju mogħti mit-Tribunal.

Fis-sentenza tas-16 ta' Marzu 1999 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet qalet illi:

… … … fid-deċiżjoni tiegħu l-istess Tribunal kien ta rimedju kompensattiv ta' promozzjoni retroattiva flimkien mal-ħlas tad-differenza tal-paga bejn sovrintendent u

---

3 *Foll.* 86 *et seq.*

4 *Foll.* 90 *et seq.*

assistent kummissarju għall-perijodu relativ, u illimita l-ħlas ta’ kumpens għas-somma ta’ Lm5,000 f’każ li tali differenza fis-salarju a titħallasx, u b’hekk ipprovda ħlas ta’ kumpens għall-parti biss tar-rimedju kompensattiv u bħala alternattiva għall-istess.

Il-Qorti ta’ l-Appell ma qablitx ma’ din l-interpretazzjoni, u qalet hekk:

Kulma tgħid id-deċiżjoni (wara li iddeċidiet li l-ilment tar-rikorrent Rizzo kien ġustifikat u riferibbilment għar-rimedju kompensattiv) hu li tirrakkomanda li huwa jiġi promoss għal assistent kummissarju b’effett retroattiv u li jitħallas is-salarju lilu dovut konfaċjenti għal dak ir-rank. Għal din il-qorti hu evidenti li s-salarju li għalih qed jirreferi t-Tribunal huwa dak is-salarju ta’ assistent kummissarju (b’effett retroattiv) jekk u meta tali promozzjoni sseħħ, għax wieħed ma jistax jitħallas salarju ta’ pożizzjoni partikolari fis-servizz pubbliku jekk ma jkunx jokkupa dik il-pożizzjoni. Bħala alternattiva, u allura jekk ma jingħatax il-promozzjoni b’effett retroattiv u allura anqas jitħallas is-salarju lilu dovut, għandu jingħata l-massimu tal-kumpens stabbilit fil-liġi, u ċioè l-ħamest elef lira. … … … [D]in il-qorti ma taqbilx … … … ma’ l-ewwel qorti fejn din donnha fehmet li l-kumpens ta’ ħamest elef lira hu jew jista’ jkun alternattiv għal parti biss tar-rimedju kompensattiv (ċioè għall-ħlas tas-salarju).

Naturalment, din l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell, mogħtija f’kawża fejn kienu parti l-partijiet fil-kawża tallum, hija dik li torbot lill-partijiet għall-għanijiet tal-kawża tallum.

Wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell, il-Kummissarju b’ittra tat-18 ta’ Diċembru 2003[5] għamel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku sabiex din tqis jekk ir-rikorrent għandux jinħatar assistent kummissarju b’seħħ b’lura fiż-żmien. Il-kummissjoni wieġbet b’ittra tat-2 ta’ Frar 2004[6] li ma kinitx tal-fehma illi r-rikorrent kellu jingħata dik il-ħatra. Għalhekk fis-17 ta’ Frar 2004 ir-rikorrent tħallas ħamest elef lira (Lm5,000) u hekk ingħata r-rimedju alternattiv skond ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal.

---

[5] *Fol*. 58.
[6] *Fol*. 59.

Fid-dawl ta’ dawn il-fatti, din il-qorti hija tal-fehma illi t-talba tar-rikorrent għal rimedju taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ma tistax tintlaqa’.

Ir-rikorrent kellu rimedju taħt il-liġi ordinarja – l-Att dwar it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta’ Inġustizzji [Kap. 394] – u talab u ngħata dak ir-rimedju bis-saħħa tad-deċiżjoni tat-Tribunal tas-16 ta’ Marzu 1999. Kif interpretat fis-sentenza tas-17 ta’ Frar 2003 tal-Qorti ta’ l-Appell, ir-rimedju kien jew (a) illi r-rikorrent jinħatar assistent kummissarju b’seħħ b’lura fiż-żmien u jingħata d-differenza bejn is-salarju tal-grad tiegħu u s-salarju ta’ assistent kummissarju għal dak iż-żmien, jew (b) illi jingħata kumpens ta’ ħamest elef lira (Lm5,000).

Sas-17 ta’ Diċembru 2003, meta nfetħet il-kawża tallum, dak ir-rimedju kien għadu ma ngħatax effettivament, la fil-forma ewlenija u lanqas fil-forma alternattiva. Wara li, minħabba l-fehma tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif imfissra fl-ittra tat-2 ta’ Frar 2004, ma setax jingħata r-rimedju ewlieni tal-ħatra għall-grad ta’ assistent kummissarju u l-ħlas tas-salarju relativ, ingħata r-rimedju alternattiv tal-ħlas ta’ ħamest elef lira (Lm5,000) fis-17 ta’ Frar 2004, xahrejn wara li nfetħet il-kawża tallum.

Bejn meta nfetħet din il-kawża u meta sar il-ħlas tal-kumpens, il-kwistjoni bejn il-partijiet, aktar milli waħda dwar drittijiet fundamentali, kienet dwar kif titwettaq ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal, kif irid l-art. 7(11) tal-Kap. 394; wara li sar il-ħlas tal-kumpens, ma fadal ebda kwistjoni, għax ir-rikorrent ingħata r-rimedju għad-diskriminazzjoni li ġarrab fil-forma stabbilita mill-organu mwaqqaf mil-liġi ordinarja għal dak il-għan. Lanqas ma huwa l-każ illi din il-qorti tidħol fil-kwistjoni jekk ir-rikorrent kienx imissu ngħata r-rimedju ewlieni jew dak alternattiv, ladarba fil-fehma tat-Tribunal li għandu kompetenza fil-materja, kif interpretata mill-Qorti ta’ l-Appell, it-tieni rimedju jiswa daqs l-ewwel wieħed u huwa tajjeb u biżżejjed daqsu. Barra minn hekk, it-talba fir-rikors li bih inbdiet din il-kawża tallum ma kinitx, kif jidher li issa jrid jgħid ir-rikorent fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu, biex din il-qorti tgħid illi saret diskriminazzjoni kontra r-rikorrent fl-għażla tar-rimedji rakkomandati mit-Tribunal – u ma setgħetx issir talba bħal dik ladarba l-għażla tar-rimedju, meta nfetħet il-każwa tallum, kienet għadha ma saritx –

iżda t-talba kienet li din il-qorti tgħid li saret diskriminazzjoni kontra r-rikorrent meta nqabeż fil-promozzjonijiet li ngħataw bejn Settembru 1988 u Frar 1990

Għalhekk, billi r-rikorrent kellu u ngħata rimedju taħt il-liġi ordinarja, il-qorti, wara li rat l-art. 46(2), *proviso*, tal-Kostituzzjoni u l-art. 4(2), *proviso*, ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tagħżel illi ma tinqediex bis-setgħa tagħha taħt il-liġijiet li jħarsu d-drittijiet fondamentali, u tikkundanna lir-rikorrent iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------